13 ta' Jannar, 1962.

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Rokku Abdilla et.

**Vilipendju tar-Reliġjon — Inġurja — Rinviju — Sentenza — Nullità — Provi — Appell — Art. 161, 425, u 440(3) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-Maġistrat li jkun qata' l-kawża fl-ewwel istanza mhuwiex produċibbli bħala xhud fl-appell li jsir minn dik is-sentenza biex jagħti spjegazzjoni tad-deċiżjoni tiegħu; kif mhux ammissibli membru ta' tribunal jew qorti biex jagħti nterpretazzjoni ta' deċiżjoni li jkun ħa parti fiha.*

*Meta l-Attorney General jirrinvija l-inkartament ta' kumpilazzjoni lill-Maġistrat sedenti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex jiddeċidi huwa l-kawża, dak il-Maġistrat hu vinkolat biss fis-sens li ma jistgħax aktar jirritjeni li l-fatti jammontaw għal reat ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina bħala Qorti plenarja; imma għal kull ħaġa oħra ma hux marbut, u "inter alia" jista' jsib l-imputat ħati ta' reat divers minn dak indikat mill-Attorney General; basta, però, jingħata lill-imputat żmien biex jiddefendi ruħu kontra l-imputazzjoni l-ġdida.*

*Imma l-konċessjoni ta' dan iż-żmien mhijiex obligatorja għall-Qorti, jekk l-imputat ma jitlobhiex. Jekk jitlobha, il-Qorti hi obligata takkorda dak iż-żmien; jekk ma jitlobhiex, il-Qorti mhux neċessarjament għandha takkordaha. Kwindi, jekk l-akkuża oriġinarja tkun bażata fuq il-Kodiċi Kriminali, imma fit-trattazzjoni tal-kawża jidher li fuq l-istess fatti jista' jkun hemm reat li jaqa' taħt il-Liġi tal-Istampa, li jkun involut fir-reat oriġinarjament dedott, l-imputat li jiġi misjub ħati ta' reat taħt il-Liġi tal-Istampa ma jistgħax jinvoka n-nullità tas-sentenza fuq il-motiv li huwa ġie sorpriż u li ma giex mogħti lilu żmien biex jiddefendi ruħu kontra dak ir-reat ġdid, jekk hu ma kienx talab differiment tal-kawża għal dak l-iskop.*

*Il-Liġi Kriminali, fid-dispożizzjoni li tikkontempla r-reat ta' vilipendju lir-Reliġjon Kattolika Apostolika Rumana u dak ta' min joffendi dik ir-Reliġjon billi jivvilifika, "inter alia", il-Ministri tagħha, għandha titqies li tirrikjedi għall-integrazzjoni tar-reat, anki ta' dak kontemplat fit-tieni lok, l-intenzjoni speċifika fl-imputat li joffendi r-Reliġjon. Għaldaqstant, jekk is-sentenza tal-Maġistrat tkun enunċjat f'dan is-sens l-ipotesi tal-liġi, dik l-enunċjazzjoni legali hi korretta; u jekk il-Maġistrat, in bażi għal dik l-enunċjazzjoni, ikun irritjena li mill-fatti ma jirriżultax li l-imputat kellu dik l-intenzjoni speċifika, is-sentenza mhix appellabbli mill-Attorney General, għax l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Maġistrat mhux sindakabbli mill-Qorti tal-Appell u l-kwistjoni legali ġiet enunċjata korrettament.*

Il-Qorti:— Rat in-nota tal-Attorney General tat-28 ta' Ġunju 1961, li biha l-attijiet tal-kumpilazzjoni magħmula

kontra l-imputati talli fiż-Żurrieq, fl-4 ta' Ġunju 1961, waqt dimostrazzjoni għal Monsinjur Arċisqof waqt il-festa titulari taż-Żurrieq, jiġifieri Santa Katarina, publikament offendem ir-Reliġjon Kattolika Apostolika Romana, li hija r-reliġjon ta' Malta u l-Gżejjer li jagħmlu magħha, billi kasbru l-imsemmi Arċisqof Metropolita ta' dawn il-Gżejjer bil-kliem 'AVE NERO, URBS QUAM INCENDISTI TE SALUTAT" minnhom miġjuba fuq kartellun mqiegħed fuq il-faċċata tal-Malta Labour Party Club, Żurrieq, St. Catherine Street no. 25, ġew rinvijati lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex tiddeċidi fuq il-ħtija li tista' tirriżulta taħt dak li hemm maħsub fl-art. 161 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Lulju 1961, li biha sabet lill-imputati mhux ħatjin tad-delitt kontemplat fl-art. 161 tal-Kodiċi Kriminali, iżda ħatjin talli, permezz ta' stampati, ċjoè 'poster" ossija kartellun, imwaħħal fil-faċċata tal-Labour Party Club taż-Żurrieq, inġurjaw u kkaġunaw disprezz lejn il-persuna tal-Arċisqof, Isqof ta' Malta; u kkundannat lill-imputat Sammut għall-piena tal-priġunija għal żmien xahrejn u nofs u għall-multa ta' £50, u lil kull wieħed mill-imputati Abdilla u Roberts għall-priġunija għal żmien xahrejn u għall-multa ta' £30;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi riformata, billi, fil-waqt li din il-Qorti ssib lill-imputati ħatjin tal-fatti lilhom imputati kif sabithom l-Ewwel Qorti, tvarja dik is-sentenza billi jiġi deċiż li dawk l-istess fatt jikkostitwixxu d-delitt maħsub fl-art. 161 tal-Kodiċi Kriminali, u għalhekk issibhom ħatjin taħt dak l-art. 161 Kod. Krim. minflok taħt l-art. 6 tal-Press Ordinance (Kap. 117), u tikkundannahom għall-piena ġusta;

Rat ir-rikors tat-tliet imputati li bih appellaw mis-sentenza fuq imsemmija, u talbu li tiġi annullata s-sentenza tal-Ewwel Qorti, jew, in subordine, tiġi riformata billi tiġi konfermata filli sabet lilhom mhux ħatjin ta' vilipendju tar-Reliġjon, u tirrevokaha għall-bqija tagħha, u b'hekk tillibera lill-imputati minn kull imputazzjoni u piena;

Trattata l-kawża;

Ikkunsidrat;

L-imputati appellanti ssollevaw l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, minħabba li jsostnu li kien hemm vjolazzjoni ta' formalità sostanzjali għas-sens tal-art. 440 (5) Kap. 12; konsistenti filli, kif testwalment jingħad fir-rikors tagħhom tal-appell, "l-akkuża, kemm mill-Pulizija kemm mill-Attorney General, kienet dik ta' vilipendju tar-Reliġjon, u l-Qorti biddlet l-akkuża f'dik ta' nġurja kontra l-Arċisqof mingħajr ma għarrfet b'dan lill-esponenti, u mingħajr ma tathom differiment biex iġibu l-provi kontra din l-akkuża l-ġdida, kif ukoll jagħmlu d-difiża tagħhom";

In konnessjoni ma' din il-preġudizzjali. il-Prosekuzzjoni offriet ix-xhieda tal-Illustrissimu Maġistrat sedenti in prima istanza, Dr. Giovanni F. Gouder, biex jiġi pruvat b'din ix-xhieda illi fil-fatt lill-imputati ġie lilhom imfisser li għand-hom jiddiskutu wkoll l-imputazzjoni alternattiva. Id-difiża opponiet ruħha għal din ix-xhieda (verbal fol. 106);

Fuq dan l-inċident, din il-Qorti kkunsidrat;

Sostanzjalment, l-oġġett tal-prova jirrisolvi ruħu filli x-xhud offert jagħti spjegazzjoni tad-deċiżjoni tiegħu. Il-Qorti tal-Appell, b'deċiżjoni tagħha in re "Bonett vs. Sr teri", 31 ta' Ottubru 1960, irrespinġiet f'dik il-kawża l-produzzjoni tal-perit li kien membru tal-Board li Jirregola l-Kera għal oġġett simili, u qalet hekk:— "...... tirritjeni inamissibbli l-produzzjoni ta' membru ta' tribunal jew qorti biex jagħti nterpretazzjoni ta' deċiżjoni li jkun ħa parti fiha. Kieku dan kellu jiġi ammess, kienet tiġi ntralċjata, anzi serjament kompromessa, l-amministrazzjoni tal-ġustizzja;

L-Imħallef sedenti, li hu wieħed mill-membri tal-Qorti li ħekk irriteniet, jaqbel ma' dan il-prinċipju, li hu bażat anki fuq il-ġurisprudenza u d-dottrina ngliża hemm ċitata;

Għalhekk, il-produzzjoni tax-xhud fuq imsemmi hija respinta;

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata;

Oriġinarjament, l-imputati kienu ġew preżentati b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja fuq l-imputazzjoni ta' vilipendju tar-Reliġjon taħt l-art. 161 tal-Kodiċi Kriminali. Aktar tard, meta l-kumpilazzjoni ġiet konkjuża u l-attijiet ġew mibgħuta lill-Attorney General, dan irrinvija l-attijiet quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, peress li deherlu li tista' tinstab ħtija taħt l-istess art. 161 tal-Kodiċi Kriminali. Fis-sentenza "de qua" l-Qorti tal-Ewwel Grad waslet għall-konklużjoni li l-fatt ma kienx jintegra r-reat taħt l-art. 161, imma dak taħt l-art. 6 tal-Press Ordinance, Kap. 117, u kkundannat lill-imputati taħt dik il-liġi. Ma saritx fil-proċeduri tal-Ewwel Qorti (salv dak li sejjer jingħad) l-aġġunta ta' din l-imputazzjoni taħt il-Liġi tal-Istampa in vija ta' alternattiva, billi l-Prosekuzzjoni nsistiet fuq l-imputazzjoni oriġinali, kif qegħdha tinsisti l-lum bl-appell tagħha. Minn dawn iċ-ċirkustanzi l-imputati jiddeduċu li kien hemm vjolazzjoni ta' formalità sostanzjali, in kwantu li jmissu ġie lilhom akkordat terminu; u jargumentaw li ġew sorpriżi bis-sentenza fuq l-imputazzjoni alternattiva;

L-Imħallef sedenti ġa ddeċieda, fil-kawża "Pul. vs. Barbara", 2 ta' Diċembru 1939, li l-Maġistrat sedenti fil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, meta jkun irċieva n-nota tar-rinviju tal-Attorney General, hu vinkolat biss fis-sens li ma jistgħax aktar jirritjeni li l-fatti jammontaw għal reat ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina bħala Qorti plenarja, imma "per tutt'altro" ma hux marbut, u "inter alia" jista', in bażi għall-prinċipju li l-imputazzjoni tista' tiġi varjata, isib l-imputat ħati ta' reat divers minn dak indikat mill-Attorney General; basta, però, jingħata lill-imputat żmien biex jiddefendi ruħu kontra l-imputazzjoni l-ġdida;

Il-konċessjoni ta' dan iż-żmien, u d-dritt għalieh, huma materja ta' diversi deċiżjonijiet, f'sens konkordi, tal-Qrati Tagħna; fost dawk stampati aktarx li l-ewwel waħda kienet dik "Terreni vs. Sergente Maggiore Gabarretta", 17 ta' Ġunju 1880, Vol. IX, paġ. 187;

Hemm, però, tliet konsiderazzjonijiet li, in bażi tagħhom, din il-Qorti ma tħossx li f'dan il-każ għandha tannulla s-sentenza "de qua", ċjoè:—

1. Kif ġie deċiż fil-kawża "Rex vs. Portelli", Qorti Krim. Tliet Imħallfin, 22 ta' Marzu 1915, illi 'un reato si ritiene compreso ed involuto in quello dedotto quando esso ha origine dal fatto principale su cui si fonda l'accusa, e gli elementi essenziali e costitutivi di esso sono inchiusi nel reato suddetto". Issa, il-fatt li fuqu l-Ewwel Qorti sabet l-imputati ħatjin taħt il-Liġi tal-Istampa hu l-istess fatt li in bażi tiegħu kienet ġiet dedotta l-imputazzjoni taħt l-art. 161 tal-Kodiċi Kriminali, u l-elementi essenzjali tar-reat dedott, in kwantu li l-imputazzjoni oriġinali ta' vilipendju tar-Reliġjon kienet mhux dik tar-Reliġjon in sè, imma tramite Ministru tagħha, f'dan il-każ tramite l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof, u għalhekk, fl-imputazzjoni ta' vilipendju tar-Reliġjon kien hemm kompriża l-imputazzjoni ta' nġurja lill-Monsinjur Arċisqof. Jiġi rilevat, f'din il-materja ta' reat kompriż u nvolut illi anki f'każijiet ta' att aktar solenni miċ-ċitazzjoni, bħal ma huwa l-att tal-akkuża, il-liġi tiffakoltizza lill-jury li jagħti senz'altro verdett fuq reat anqas gravi mhux dedott fl-att tal-akkuża, imma li jkun kompriż jew involut, kif tgħid il-liġi, f'xi parti tal-att tal-akkuża (ara art. 478(4) Kap. 12);

2. Skond ix-xhieda tal-istess Avukat Dottor Micallef Stafrace, li kien deher bħala difensur tal-imputati f'xi seduti tal-Istruttorja mal-Avukat Dr. Anton Butigieg, u in segwitu, wara r-rinviju, kien difensur uniku stante l-assenza minn Malta ta' Dr. Butigieg, il-Maġistrat sedenti, anki fil-kors tal-Istruttorja, kien semma li l-każ seta' jinkwadra ruħu tant taħt l-art. 161 tal-Kodiċi Kriminali kemm taħt il-Liġi tal-Emerġenza, kif ukoll taħt il-Liġi tal-Istampa. Aktar tard, wara r-rinviju il-Maġistrat, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 1961, kien staqsa lil Dr. Micallef Stafrace, wara li dan kien ittratta l-każ fuq l-art. 161 tal-Kod. Kriminali, biex jittratta l-każ anki taħt il-Press Law. Dr. Micallef Stafrace talab lill-Qorti biex jara daqsxejn il-Kodiċi (recte l-Liġi), u wara li għamel dan, Dr. Micallef Stafrace ssottometta dak li hu bħala difensur deherlu li kellu xi jgħid fuq din l-imputazzjoni alternattiva, ċjoè li ma ġiex pruvat li

l-kliem kien dirett unikament lill-Monsinjur Arċisqof, u li seta' jiġi mifhum mod ieħor; u fuq domanda tal-Qorti dwar għal min seta' jirriferixxi barra minn għal Monsinjur Arċisqof, Dr. Micallef Stafrace rrisponda li seta' jirriferixxi għall-Gvernatur. Din il-versjoni ta' Dr. Micallef Stafrace, li xehed frankament, hi avvalorata bix-xhieda tal-Ispettur Farrugia, inkarigat bil-prosekuzzjoni fil-Qorti t'Isfel, li qal li, anki waqt l-Istruttorja, dik il-Qorti esprimiet ruħha fis-sens li l-fatti kienu jirrigwardaw kemm il-vilifikazzjoni, kemm il-Press Law u l-Liġi tal-Emerġenza; u qal ukoll li aktar tard, wara r-rinviju u wara t-trattazzjoni tal-każ taħt l-art. 161 Kod. Krim., tant hu kemm Dr. Micallef Stafrace ġew invitati mill-Qorti biex jittrattaw il-każ taħt il-Press Law; dak li huma għamlu. Din il-versjoni ta' Dr. Micallef Stafrace u tal-Ispettur Farrugia hi anki avvalorata biċ-ċirkustanza sintomatika li f'dik is-seduta tat-13 ta' Lulju 1961, fol. 61, il-Prosekuzzjoni pprezentat nota li biha sostniet l-applikabbilità għall-każ tal-art. 161 Kod. Krim., evidentement stante d-dubju, ripetutament espress mill-Qorti, li l-każ seta' jaqa' taħt liġi oħra;

3. Minn dawn il-fatti jinżlu żewġ konsegwenzi: (a) li Dr. Micallef Stafrace ma talabx terminu biex jipprepara ruħu għad-difiża fuq l-imputazzjoni alternattiva, imma talab biss kemm jara l-liġi, u mbagħad qal dak li deherlu li bħala difensur tal-imputat kellu jgħid; jekk dak li qal Dr. Micallef Stafrace kienx jew le suffiċjenti, jew setgħax kien xort'oħra, hi konsiderazzjoni għal kollox estranea għall-kwistjoni preżenti; u (b) illi d-dikjarazzjoni ta' reità taħt il-Liġi tal-Istampa ma setgħetx issorprendiet lill-imputati, stante d-dikjarazzjonijiet preċedenti tal-Maġistrat fuq imsemmi;

Issa il-ġurisprudenza fuq rikordata tgħid hekk — Vol. IX fuq ċitat:— '...... e ben inteso che si debba accordare qualora si domandi, o quando la stessa Corte lo creda necessario, un breve termine per poter l'imputato difendersi contro un tale risultato delitto......" U din il-Qorti, in "Pul. vs. Borg". 6 ta' Marzu 1954 (Vol. XXXVIII-IV-812), qalet l-istess, "basta jingħata lill-imputat, jekk jitlob hekk, terminu raġjonevoli biex jiddefendi ruħu kontra l-imputazzjoni l-ġdida";

Anki fil-proċeduri aktar solenni quddiem din il-Qorti, f'każ ta' emenda tal-att tal-akkuża, huwa l-akkużat li, jekk irid, għandu jitlob differiment (art. 591(3) Kap. 12);

Dr. Micallef Stafrace, kif ingħad, ma talabx terminu. Jekk l-Ewwel Qorti, *mbgħad, ma ġġudikatx neċessarju li* tagħti terminu "marte proprio" (probabbilment minħabba d-dikjarazzjonijiet tagħna a propożitu), hija ħaġa ta' diskrezzjoni tagħha, li ma tiftahx lok għal nullità;

Il-każ preżenti hu simili ħafna, "mutatis mutandis", għall-każ "Xuereb vs. Vella", 25 ta' Novembru 1950, riportat *fil-Vol. XXXIV, Parte IV, paġ. 1003, fejn ingħad* hekk:— "Huwa minnu li fiċ-ċitazzjoni ma ġietx dedotta l-imputazzjoni tal-ksur tal-garanzija; iżda dan ma kienx jimpedixxi lill-Qorti li tieħu konjizzjoni ta' dik l-imputazzjoni wkoll meta rriżultat fis-smiegħ tal-kawża, għax il-proċediment quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati huwa sommarju, u ċ-ċitazzjoni hija ordni biex l-imħarrek jidher il-Qorti fuq reat. Li l-kwerelat ma ġiex sorpriż mill-Qorti bis-sentenza fuq il-ksur tal-garanzija jidher mill-fatt li l-Qorti, fis-smiegħ tal-kawża, ħadet konjizzjoni u trattat fuq il-garanzija preċedenti, għax ordnat l-alligazzjoni tal-atti tal-kawża preċedenti, u f'dawk l-attijiet tinsab l-obbligazzjoni tal-garanzija firmata mill-kwerelat. Il-kwerelat seta' biss, li ried, jitlob differiment tal-kawża biex jiddefendi ruħu mill-akkuża ta' ksur tal-garanzija, imma ma jirriżultax li talab dan";

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti hi ta' fehma li ma kienx hemm fil-każ in ispeċje vjolazzjoni tali ta' formalità sostanzjali li tista' ġġib għan-nullità tas-sentenza appellata, u għalhekk il-preġudizzjali relattiva hi respinta;

Ikkunsidrat, dwar l-appell tal-Attorney General;

Fil-kors tal-argumenti, id-difensur tal-imputati rrileva li l-Ewwel Qorti, wara li stabbiliet li għar-reat taħt l-art. 161 Kod. Krim. jeħtieġ *fiż-żewġ każijiet fih kontemplati*, u għalhekk anki fil-każ ta' vilipendju tar-Reliġjon tramite Ministru tagħha, li jkun hemm l-intenzjoni speċifika li tiġi offiża r-Reliġjon, għaddiet biex tivvaluta din l-intenzjoni in

bażi għall-provi, u waslet għall-konklużjoni li din l-intenzjoni ma kienx hemm. Kompliet tgħid, għalhekk, id-difiża, li b'dan il-mod l-Ewwel Qorti għamlet ġudizzju ta' fatt, li ma jagħtix lok għall-appell da parti tal-Prosekuzzjoni;

Dan ir-riljev jammonta għal eċċezzjoni mill-parti tad-difiża ta' inappellabbilità tas-sentenza mill-parti tal-Prosekuzzjoni, u għalhekk jeħtieġ li issa tiġi nvestita din l-eċċezzjoni;

Fir-rikors tal-appell tiegħu l-Attorney General ippremetta li hu kien qed jappella minħabba li l-Ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni ħażina tal-ipotesi tal-liġi li fil-fehma tiegħu kienu skorretti, u per konsegwenza, non ostante li l-Ewwel Qorti daħlet fil-provi, eppure, skond il-ġurisprudenza u l-"praxis" ta' din il-Qorti, is-sentenza hi appellabbli mill-Prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat;

Hu paċifiku fil-ġurisprudenza lokali illi taħt l-art. 425 (1) (b) (iv) (i) Kod. Krim., ma jistgħax isir appell mill-Attorney General meta s-sentenza appellata tkun bażata fuq apprezzament ta' fatt, korrett jew le. Dik id-dispożizzjoni tippermetti l-appell meta l-Maġistrat ikun iddikjara illi fil-fatt ma hemmx il-kostituttivi tar-reat; iżda l-kelma "fatt" għandha tiftihem bħala l-fatt kif m'ġjub fiċ-ċitazzjoni apparti l-provi, u mhux il-fatt kif jirriżulta mill-provi (ara, fost oħrajn, sentenza App. Krim. "Pulizija vs. Trapani", 20 ta' Settembru 1941, fejn hemm miġbura l-ġurisprudenza f'dan is-sens). Iżda, minn almenu l-1929 l-hawn, ġie deċiż (ara sentenza App. Krim. f'dan is-sens sedenti l-Imħallef Sir Philip Pulliċino, "Pulizija vs. Borg", 12 ta' Jannar 1929 segwit mill-Imħallef sedenti f'diversi sentenzi oħra (ara "Pulizija vs. Grech" 1 ta' Marzu 1941, fost oħrajn), li taħt dik id-dispożizzjoni hemm ukoll appell meta l-Maġistrat, allavolja jkun daħal fl-apprezzament tal-fatti, ikun però għamel enunċjazzjoni ħażina jew inkompleta tal-ipotesi tal-liġi;

Fil-każ preżenti, il-Maġistrat sedenti in prima istanza daħal fil-provi, u għalhekk, sabiex jista' jkun hemm lok

għall-appell mill-parti tal-Prosekuzzjoni, jeħtieġ li jirriżulta li kien hemm enunċjazzjoni inkompleta jew skorretta tal-liġi fis-sentenza appellata. *Inveċe, jekk din l-enunċjazzjoni* tinsab korretta, allura din il-Qorti għandha tieqaf hemm. Infatti, ġie deċiż fis-sentenza mogħtija mill-Imħallef sedenti "Pulizija vs. Bonnici", 27 ta' Mejju 1944, li meta f'każijiet simili din il-Qorti ma ssibx fis-sentenza appellata enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi, allura b'hekk l-appell tal-Prosekuzzjoni jkun eżawrit, għax diversament ikun qiegħed jiġi ammess appell f'każ fejn ma hux ammissibbli, u din il-Qorti tkun qegħdha tissindaka apprezzament ta' fatt tal-Qorti "a qua" fuq il-fatti kif riżultati mill-provi — ħaġa li mhix ammessa;

Mela jiġi, minn dan li ngħad, li din il-Qorti għandha tara jekk fis-sentenza appellata hemmx xi enunċjazzjoni ħażina tal-ipotesi tal-liġi;

Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti bdiet biex, in bażi għall-provi, assodat li għall-poster in kwistjoni kienu responsabbli t-tliet imputati u li fih ġie vilipes Monsinjur Arċisqof, mbgħad għaddiet biex tikkunsidra l-art. 161 tal-Kodiċi Kriminali, u partikolarment l-element intenzjonali tiegħu, u waslet għall-konklużjoni illi anki għar-rigward tar-reat kontemplat fit-tieni parti ta' dak l-artikolu, ċjoè ta' offiża għar-Reliġjon tramite l-vilipendju tal-Ministri tagħha, teħtieġ l-intenzjoni speċifika fl-imputat li joffendi r-Reliġjon, bħala distinta mill-intenzjoni li jivvilipendi l-individwu;

Għalhekk, din il-Qorti għandha tgħaddi biex tara jekk dan il-kostitwent tar-reat ġiex korrettament enunċjat mill-Qorti tal-Ewwel Istanza;

L-art. 161 jikkontempla, f'dispożizzjoni waħda, żewġ reati, dak ta' min publikament jivvilifika r-Reliġjon Kattolika Apostolika Rumana, li hi r-Reliġjon ta' Malta u d-Dipendenzi Tagħha, u dak ta' min joffendi dik ir-Reliġjon billi jivvilifika, "inter alia", il-ministri tagħha. Fl-ewwel każ, kif jesprimi ruħhom l-awturi Saltelli u Di Falco, Comm. Teor. Prat. del Nuovo Codice Penale, Vol. II, Parte Prima, art. 402-406, paġ. 456, hemm il-vilipendju publiku tar-Reliġjon Kattolika "*considerata in sè e per sè*, non attraverso

quindi al vilipendio alle persone etc.", fit-tieni każ hemm (idem p. 458) "le offese alle religione (Cattolica) mediante *vilipendio di persone......*" Issa, hu eżatt dak li qalet l-Ewwel Qorti, illi anki fit-tieni każ (li hu r-reat oriġinarjament addebitat lill-imputati) jeħtieġ li jkun hemm l-intenzjoni speċifika tal-imputat li joffendi r-Reliġjon. F'dan issens hija l-maġġuranza stragrandi tad-dottrina u tal-ġurisprudenza. Tant juru wkoll id-dibattiti parlamentari dwar din il-liġi fl-Assemblea Leġislattiva lokali, ċitati mill-Ewwel Qorti, li, għalkemm ma humiex fonti ta' nterpretazzjoni awtentika, huma però ta' sussidju għall-interpretazzjoni tal-liġi (Vol. XX-I-240; Vol. XXIX-II-337);

Il-Prosekuzzjoni ċċitat il-Borghese (Cod. It. Commentato); u hu veru li dan l-awtur donnu ma jaqbelx mal-oħrajn, in kwantu jgħid (p. 515), b'riferenza għal dan ir-reat, "basta al dolo la volontà di vilipendere l'individuo colla coscienza della capacità offensiva per la Religione del fatto"; f'liema bran donnu li l-Borghese jikkuntenta li jkun hemm, barra l-intenzjoni li jiġi vilipes il-Ministru tar-Reliġjon, anki sempliċement il-koxjenza tal-imputat li dak l-att tiegħu għandu l-kapaċità li joffendi r-Reliġjon. Għall-intenzjoni speċifika li *wieħed joffendi r-Reliġjon donnu li dan* l-awtur jissostitwixxi l-konsapevolezza tal-kapaċità offensiva għar-Reliġjon fl-att intenzjonalment offensiv għall-Ministru tar-Reliġjon;

Probabbilment, dan l-awtur kellu fi ħsiebu l-prinċipju hekk enunċjat mill-Maino, Comm. Cod. Pen. It., in tema ta' imputabbilità in ġenerali, Vol. I, p. 102, fejn dan l-awtur jgħid:— "...... a rigore, chi commette volontariamente un fatto prevedendone le conseguenze, vuole anche queste conseguenze";

Hemm anki penalista ieħor li qiesu esprima l-istess konċett tal-Borghese, ċjoè il-Professur Ottorino Vannini, fil-ktieb tiegħu "Manuale di Diritto Penali Italiano, ediz. tal-1954, li fil-paġ. 132-133 jgħid hekk:— "Consiste l'elemento soggettivo nell'intenzione di vilipendere il ministro del culto conoscendo di offendere con tale vilipendio "ad personam" la religione......" B'dawn il-kliem donnu li anki dan l-awtur jirritjeni soddisfatt l-element psikiku ta' dan

ir-reat jekk minbarra l-intenzjoni tal-imputat li jivvilipendi l-ministru, ikun hemm, ma hemmx bżonn l-intenzjoni, imma anki biżżejjed il-konoxxenza fl-imputat li b'dak l-att qiegħda tiġi vilipesa anki r-Reliġjon. Iżda milli jidher, anki l-Professur Vannini avverta l-bżonn li jżid il-forza tal-kelma "conoscendo", għaliex immedjatament wara l-kliem "conoscendo di offendere" żied in parentesi kelma mhux tant ġuridika, u qal "meglio ancora, desiderando offendere", qiesu l-ħsieb tiegħu kien ta' xi terminu ntermedju bejn l-intenzjoni speċifika u s-sempliċi koxjenza tal-potenzjalità tal-att offensiv għar-Reliġjon;

L-imħallef sedenti studja u rrifletta fit-tul fuq l-aspett legali ta' dan il-pont, u wasal għall-konklużjoni li għandha tiġi segwita l-opinjoni li tidher l-aktar akkreditata, segwita mill-Ewwel Qorti, fis-sens li anki għar-reat ta' offiża għar-Reliġjon tramite Ministri tagħha teħtieġ mhux biss l-intenzjoni li jiġi vilipes il-Ministru, imma anki flimkien u inxindibbilment magħha l-intenzjoni speċifika li wieħed joffendi r-Reliġjon;

L-opinjoni tal-Borghese u tal-Vannini, fuq imsemmijin, bir-rispett kollu għal dawk il-penalisti illustri, tidher li forsi tista' tiġi kritikata taħt l-aspett li, jekk tkun suffiċjenti, minflok l-intenzjoni, il-koxjenza, allura l-intenzjoni ma tkunx aktar dik diretta, imma dik li tissejjaħ dottrinalment "intenzione indiretta positiva", jew "dolo indeterminato", li bih il-ħati jkun ippreveda l-effett tal-mezzi adoperati, u, non ostanti dik il-previvżjoni, ried dawk il-mezzi, iżda ma riedx preċiżament l-effett (ara Carrara, Progr. Vol. I, Parte Generale, para. 66 u 70, fejn jgħid:— "Il dolo indeterminato presuppone una intenzione malvagia che sia diretta al fine di ledere un diritto altrui (fil-każ preżenti vilipendju tal-Ministru) e accompagnata dalla previsione di poter ledere un diritto più importante (fil-każ preżenti l-offiża għar-Reliġjon)...... ma senza volontà positiva di ledere anche questo ulteriore diritto". Issa, ma jidherx li jista' jkun hemm dan ir-reat jekk ma jkunx hemm il-volontà li tiġi offiża r-Reliġjon;

Għalhekk, din il-Qorti tirritjeni korretta l-ipotesi tal-liġi, kwantu għall-element intenzjonali tar-reat in parola,

kif formulata mill-Ewwel Qorti, fis-sens li jeħtieġ li jkun hemm l-intenzjoni speċifika li tiġi offiża r-Reliġjon, bħala distinta *mill-intenzjoni li jiġi offis il-Ministru tar-Reliġjon;*

Issa, ma jidherx li kien hemm ipotesijiet oħra tal-liġi nvestiti mill-Ewwel Qorti; infatti, wara li dik il-Qorti, b'ċitazzjoni kopjuża tal-insenjamenti dottrinali u ġurisprudenzjali, stabbiliet liema kellu jkun l-element intenzjonali riċerkabbli f'dan ir-reat, hi għaddiet biex tgħid, testwalment, dan li ġej:— "Illi, fissat il-punt ta' dritt, irid jiġi eżaminat jekk ġietx pruvata (u l-Qorti qegħdha tissottolinea l-kelma 'pruvata') din l-intenzjoni speċifika li joffendu r-Reliġjon fl-imputati". Hu veru li *dik il-Qorti*, sew sew wara dan il-paragrafu, semmiet l-eżerċizzju tal-poteri derivanti mill-ġurisdizzjoni spiritwali; imma meta għamlet hekk kienet qegħdha tirriferixxi għall-argument, sottomess mill-Prosekuzzjoni fis-sens li l-inġurja rivolta lill-Ministru fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni spiritwali tiegħu, tirrikadi awtomatikament fuq ir-Reliġjon; u l-Ewwel Qorti għamlet din ir-riferenza għall-argument tal-Prosekuzzjoni biex tgħaddi biex teżaminah fid-dawl tal-fatti tal-każ. U jingħad "fid-dawl tal-fatti tal-każ", għaliex immedjatament wara l-Ewwel Qorti daħlet fl-eżami *taċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ* bil-kliem:— "Illi l-eventi, li fuq l-isfond tagħhom għandhom jiġu nkwadrati l-fatti ta' din il-kawża, huma ta' dominju publiku u parti mill-istorja tal-pajjiż, u għalhekk jistgħu jiġu meħuda in konsiderazzjoni mill-Qorti għar-retta valutazzjoni tal-istess fatti". U kompliet tgħid:— "Fuq dan l-isfond jemerġi s-sinifikat tal-kliem kontenuti fil-poster in eżami......" U l-Qorti tal-Ewwel Grad għamlet hekk, ċjoè għaddiet għall-fatti tal-każ, għaliex hu insenjament dottrinali in materja li l-intenzjoni speċifika li tiġi offiża r-Reliġjon ma għandiex *tabilfors titqies insita fil-fatt fih innifsu;*

Josserva in propożitu l-Crivellari, comm. art. 140-144, Vol. V, paġ. 435, para. 77:— "Compito del magistrato sarà dunque non soltanto di vedere se l'agente abbia commesso volontariamente il fatto...... ma se lo abbia commesso con l'intenzione di offendere il culto, contro il quale il fatto era diretto — intenzione la quale può desumersi da circostanze precedenti, concomitanti e susseguenti, ma che certo nè dovrà, ritenersi insita nel fatto medesimo, il quale potrebbe

anche spiegarsi altrimenti, siccome spinto da una intenzione diversa";

Wara li daħlet fl-eżami tal-eventi kostitwenti l-isfond tal-fatti tal-kawża, kif apprezzati minnha fuq il-provi, il-Qorti "a qua" semmiet id-distinzjoni bejn ir-Reliġjon, bħala kumpless ta' kredenzi u riti, u s-sanzjonijiet dixxiplinari; imma dejjem in relazzjoni għall-fatti tal-każ kif minnha valutati, tant li fl-istess paragrafu fejn semmiet dan, kompliet tgħid, testwalment:— "Mentri fil-fatti a bażi tal-imputazzjoni in eżami ma ġiex pruvat illi l-inġurja li ġiet rivolta *lill-Arċisqof ġiet lilu rivolta unikament* u biss għax huwa Isqof, "in odio" għal din il-kwalità tiegħu......";

U wara argument sekondarju u nċidentali, li fil-ġudizzju tagħha dik il-Qorti ħadet mit-termini ta' ċerti kanoni tal-Kodiċi Kanoniku, ikkonkludiet, dejjem fuq il-fatti, u qalet li dawk il-fatti, kif minnha apprezzati, ma kienux jintegraw ("in foro saeculari" u apparti l-aspett morali) ir-reat taħt l-art. 161 tal-Kodiċi Kriminali, għaliex fl-opinjoni tagħha l-oġġett tal-offiża ma kienx ir-Reliġjon, imma l-persuna tal-Arċisqof minħabba l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tiegħu;

Jiġi rilevat minn din il-Qorti illi f'ebda parti tas-sentenza appellata ma jingħad, u lanqas seta' jingħad, li meta l-att inġurjuż ikun kontra l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tal-Ministru, u mhux kontra funzjoni provenjenti mill-karattru tal-Ordni, allura jibqa' esklużi aprijoristikament, "sic et simpliciter" u "senz'altro", ir-reat ta' vilipendju tar-Reliġjon tramite l-Ministru tagħha; għax hu ovvju li tant att ta' vilipendju kontra l-"*Potestas Jurisdictionis*", kemm att kontra l-"Potestas Ordinis". peress li huma t-tnejn ugwalment parti mill-"Potestas Episcopi" (ara De Luca, Praelectiones Juris Canonici. Liber De Personis, paġ. 392), jista', dejjem fil-konkors taċ-ċirkustanzi kongruwi, jintegra r-reat ta' vilipendju tar-Reliġjon tramite l-Ministru tagħha. Kieku l-Ewwel *Qorti* enunċjat bħala prinċipju ġenerali, "per modum regulae", il-propożizzjoni li att ta' disprezz ("dileggio", "vilipendio") ma jista' jkun qatt u fl-ebda każ

reat ta' vilipendju taħt l-art. 161, jekk ikun dirett kontra funzjoni derivanti mill-potestà ta' ġurisdizzjoni, allura din il-propożizzjoni kienet tkun enunċjazzjoni żbaljata tal-ipotesi tal-liġi li kienet tiskludi l-aditu għall-appell; għax lill-Isqfijiet, li "ex ordinatione Domini existunt", jappartjeni "ea omnia agere quae ad oves suas rite pascendas necessaria *censaeant*" u "*quae relate ad rector dioecesseos regimen* pertinent", għall-iskop "providendi gregis saluti", u ma hemmx lok għal ebda distinzjoni, għall-finijiet ta' dan ir-reat, bejn insult dirett għall-att tal-ġurisdizzjoni u nsult dirett għall-att tal-ordni. Tant il-wieħed kemm l-ieħor jista' jintegra r-reat fuq imsemmi, "dipendentement però *miċ-ċirkustanzi* partikulari ta' kull każ in ispeċje";

Iżda, kif ġa ġie rilevat, l-Ewwel Qorti f'ebda parti tas-sentenza ma enunċjat propożizzjoni simili, astratta u aprijoristika, imma qalet biss li l-att tal-imputati, li skond l-apprezzament tagħha tal-fatti kien dirett kontra funzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Ministru vilipes, ma kienx, fiċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ in *ispeċje, kif minnha* valutati, intiż biex joffendi r-Reliġjon. L-Ewwel Qorti, għaldaqstant, biex wieħed juża t-termini tas-sentenza "Pulizija vs. Cini", 13 ta' Mejju 1936, f'każ analogu ta' appellabbilità, ma qatgħet xejn "bħala prinċipju" u "in linea ġenerali", imma ddeċidiet "fiċ-ċirkustanzi tal-każ in ispeċje u skond il-provi li rriżultaw"; u fejn l-Ewwel Qorti, wara li għal darb'oħra ċċitat xi awturi dwar *il-prinċipji fuq l-intenzjoni speċifika*, kompliet tgħid hekk:— "...... jirċievu applikazzjoni aktar spikkata meta l-adempiment tal-funzjonijiet tal-Ministru ma jkunux dawk provenjenti mill-karattru tal-Ordni imma mill-karattru tal-Ġurisdizzjoni". Il-portata ovvja ta' dawn il-kliem tal-Ewwel Qorti hija li mentri, meta l-att inkriminat *jolqot* direttament ir-Reliġjon in sè, ir-riċerka tal-intenzjoni tkun relattivament faċli, inveċe tista' dik ir-riċerka ma tkunx daqshekk faċli meta l-att inkriminat ikun jolqot funzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Ministru vilipes. Anzi, il-fatt stess li l-Qorti tal-Ewwel Istanza wżat il-kliem "aktar spikkata" juri li hija ma kienetx affattu qegħdha teskludi, kif ċertament ma jista' bl-ebda mod jiġi eskluż, li att kontra funzjoni ġurisdizzjonali jista' wkoll jammonta, f'ċirkustanzi kongruwi, għar-reat ta' vilipendju tar-Reliġjon tramite Ministru tagħha, imma kienet biss qegħdha tirrileva,

dipendentement mill-każ li kellha quddiemha, li l-eżiġenza tal-intenzjoni speċifika li tiġi offiża r-Reliġjon tista' tkun aktar markata f'każ ta' att kontra funzjoni tal-ġurisdizzjoni milli f'att kontra r-Reliġjon in sè;

Għalhekk meta wieħed jiġi biex jirrijassumi l-kontenut tas-sentenza appellata, isib li l-uniku pont legali fiha trattat esklużivament bħala tali, ċjoè dottrinalment u "per modum regulae", kien dak dwar l-intenzjoni rikjesta f'dan ir-reat ta' vilipendju tar-Reliġjon tramite Ministru tagħha; per tutt'altro kien hemm eżami taċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ preżenti attraverso l-valutazzjoni tal-provi tal-fatti, u kull ma ntqal għall infwori ta' dak il-prinċipju dwar l-intenzjoni, kien dipendenti dejjem mill-eżami tal-fatti tal-każ;

Għalhekk, din li ġejja kienet is-sustanza tas-sentenza appellata; u qiegħed jingħad "sustanza", għaliex hija appuntu din is-sustanza li għandha tiġi rigwardata għall-finijiet tal-appellabbilità mill-parti tal-Prosekuzzjoni, kif ripetutament ġie deċis minn din il-Qorti, tant kif diversament kemm kif preżentement presjeduta (ara Kollez, Vol. XXVII-IV-683; XXIX-IV-533; u XXXI-IV-2396). L-Ewwel Qorti, wara li enunċjat "in diritto" li għar-reat in d'żamina jeħtieġ l-intenzjoni speċifika li tiġi offiża r-Reliġjon — prinċipju legali li din il-Qorti ssib korrett — għamlet apprezzament tal-provi tal-każ, u in bażi għal dak l-apprezzament waslet għall-konklużjoni — tajba jew ħażina, mhix materja ta' sindakabbilità ta' din il-Qorti — illi fil-każ in ispeċje, fil-fehma tagħha, "in foro saeculari", apparti l-aspett morali, ma kienx hemm fl-imputati l-intenzjoni li joffendu r-Reliġjon, imma li joffendu l-persuna ta' Monsinjur Arċisqof minħabba l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tiegħu. Ġa ladarba għalhekk, ma kienx hemm fis-sentenza "de qua" ebda enunċjazzjoni żbaljata tal-ipotesi tal-liġi, u kien hemm biss apprezzament tal-provi partikulari tal-fattispeċje, il-każ preżenti ma hux wieħed minn dawk li fihom hu ammissibbli appell mill-parti tal-Prosekuzzjoni; u l-eċċezzjoni relattiva tad-difiża hi fondata;

Għak-korona ta' dan li ntqal għall-fini tal-appellabbilità, fis-sens tal-apprezzament tal-fatti skond il-provi ta' kull każ, hu utili li jiġi ċitat bran mid-diskors tas-Senatore

Pescatore fl-okkażjoni tad-diskussjoni fl-Italja tal-Proġett tal-1875. Hu qal:— "Il decidere se esista o non esista oltraggio (alla Religione) nella specialità dei casi, che possono essere assai diversi e molteplici, dipende sempre da un concorso di circostanze che solo il buon senso del giudice può e deve apprezzare. E può benissimo avvenire che uno stesso discorso in determinate circostanze costituisca l'oltraggio, ed in altre non lo costituisca... Lasciamo adunque ai giudici di interpretare ed applicare la legge secondo la specialità delle circostanze";

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-eċċezzjoni kontenuta fir-rikors talappell tal-imputati, tan-nullità tas-sentenza appellata;

Billi tiddikjara irritu u null l-appell tal-Prosekuzzjoni kontra dik is-sentenza;

Billi tordna li tiġi prosegwita t-trattazzjoni tal-kawża fuq l-appell tal-imputati, meno, s'intendi, għar-rigward talpreġudizzjali minnhom sollevati ġa deċiżi.